MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Numru. 494/2001

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Nazzareno Buhagiar, iben
Joseph, imwieled Pieta'
Fit-13 ta' ottubru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' ġunju, 2001 u fiż-żmien ta' qabel, fuq il-monti tal-Belt u postijiet oħra –

1. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għall-bejgħ, jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' diversi videos, flokkijiet u CDs;

2. bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieħor ipproduċja jew ikkopja jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex qassam xi artiklu jew xi ħaġa oħra u cioe’ diversi videos, flokkijiet u CDs bi ksur ta’ jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u cioe’ it-Twentieth Century Fox Film Corporation, Grand Prix Incorporatiion Limited u soċjetajiet oħra, li tagħhom l-avukati Dr. Patrick Galea u Dr. Pierre Lofaro huma rappresentanti rispettivi, protetti bil jew taħt il-Liġi ta’ Malta;
3. talli kkometta reat li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija u dan fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta’ jannar, 1998.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-31 ta’ ottubru, 2001 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.  Rat
l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300) u tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti.  Inoltre, rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ jannar, 1998 u wara li rat
l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u minħabba ċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ tordna li
l-perjodu operattiv ta’ erba’ snin imposti jiġi estiz u jibda jidekorri mil-lum stess.